MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1473/2010

**Alfred Farrugia (ID 353746 M) u martu**
**Redenta Farrugia (ID 340645 M)**

**vs**

**Joe Camilleri (ID 477065 M) u martu**
**Connie Camilleri (ID 0030080 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta' Settembru 2010, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn, mitejn, erbgha u ghoxrin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2,224.24c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma deherux la fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2010, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti in solidum jhallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn, mitejn, erbgha u ghoxrin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2,224.24c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------